**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 148 / 2015**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jurgen Vella]**

**vs**

**James Micallef**

**Warren Cassar**

Illum 6 ta' Settembru, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra James Micallef detentur tal-karta tal-identità numerata 563980 M u Warren Cassar detentur tal-karta tal-identità numerata 424692 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Nhar l-24 tà Jannar 2014 ghal habta tas-sebgha neqsin kwart tà filghodu (06:44hrs) gewwa triq Hal Farrug, Hal Farrug limiti Hal Luqa, b' vettura bin-numru tà registrazzjoni WAR 692 u b' vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBS347, b' nuqqas tà hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas tà hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b' nuqqas tà tharis tà regolamenti, ikkagunaw l-mewt tà Philip Christopher Attard Scott bi ksur tal-Artikolu 225 (1) u 328 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet tà Malta.

2. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi saqu l-imsemmija vetturi b' manjiera traskurata u negligenti bi ksur tal-Artikolu 15 (1) (a), (2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet tà Malta.

Rat ukoll l-akkuza migjuba kontra James Micallef wahdu:

3. Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi wara li kien involut f' incident tat-traffiku li involva offiza fuq persuna ohra, bhala sewwieq tal-vettura BBS 347 naqas milli jieqaf u jaghti d-dettalji tieghu bi ksur tà regolament 67 tal-Ligi Sussidjarja 65.11.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet tà Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz tà htija, tissosspendi l-licenzja tas-sewqan tal-imputati ghal zmien li thoss xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar id-9 ta' Mejju, 2022, fejn il-Qorti wara li rat Regolament 67 (1) tal-Ligi Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet tà Malta, sabet lill-imputat James Micallef hati tat-tielet akkuza kif dedotta kontrih u kkundannatu ghall-piena t' ammenda ta' hamsin ewro (€50) filwaqt li lliberatu mill-ewwel (1) u tieni (2) akkuza fuq nuqqas ta' provi; filwaqt li ma sabitx lill-imputat Warren Cassar hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u lliberatu minnhom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fil-31 ta' Mejju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

Tikkonfermaha fil-parti li sabet lill-appellat James Micallef hati tat-tielet akkuza hekk kif dedotta kontrih, u thassarha u tirrevokaha fejn illiberat lil Warren Cassar u James Micallef mill-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet dedotta kontrihom, u minflok tghaddi biex issib htija u tinfliggi piena skont il-ligi.

Rat illi l-esponenti Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza nhar it-13 ta' Mejju 2022 u hassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Qorti meta giet biex tillibera lill-appellati mill-ewwel (1) u mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontrihom, naqset milli tapprezza korrettement il-provi prodotti;

Illi preliminarjament jigi rilevat li l-esponent jirrikonoxxi li l-funzjoni tal-Qorti tal-Appell m' hijiex li tirrimpjazza l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet il-Qorti tal-Magistrati u li tissostitwixxi dan l-apprezzament bl-apprezzament taghha, izda li taghmel ezami approfondit tal-atti processwali sabiex tara jekk f' dawk ic-cirkostanzi, l-Qorti tal-Magistrati setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li filfatt waslet ghaliha;

Illi jsegwi, li f' dan il-kuntest, l-aggravju tal-esponent hu li l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx legalment u ragjonevolment tillibera lill-appellati mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni dedotti kontrihom, u dan in vista tas-segwenti ragunijiet;

Illi jigi rilevat illi l-Ewwel Onorabbli Qorti lliberat liz-zewg appellati ghaliex hasset illi z-zewg appellati ma kinux negligenti u/jew traskurati fis-sewqan

taghhom, meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-elementi kollha (kemm dawk tat-temp u vizibilità, kif ukoll dawk relatati mal-istat tal-vittma), u inoltre, ma setghetx tattribwixxi jekk kienx l-ewwel jew it-tieni impatt illi wassal ghall-mewt tal-vittma;

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi dakinhar tal-24 ta' Jannar 2014, fis-sighat bikrin ta' filghodu, l-appellat Warren Cassar kien qieghed isuq fi Triq Hal Farrug, gewwa Hal Farrug, limiti ta' Hal Luqa, fejn gie dedott illi din l-istess triq kienet mudlama u kienet ukoll niezla x-xita. Isegwi ghalhekk illi f' kundizzjonijiet simili, ghandha tittiehed aktar prudenza mis-sewwieq, anke jekk dan ikun qieghed isuq fil-limitu ta' velocità li tippermetti t-triq in kwistjoni;

Illi fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija *vs* Jean Claude Mangion**" nhar l-14 ta' Gunju 2019, gie ritenut kif gej:

> *L-appellant jghid li kien qed isuq bi speed ta' bejn 60 jew 65 km' fs fi triq li timmermetti speed sa 80 km/fs.* ***Fl-ewwel lok jinghad li meta fit-triq ikun hemm massimu ta' speed ma ifisirx li is-sewwieq ghandu dejjem jiehu dak il-massimu bhala gwida irrispettivament mill-ambjenti tat-temp dak in-nhar in-nhar.***[1] *Modd issuq f' kundizzjoni ta' ftit xita u mod issuq f' xita niezla qawwija, mod issuq fic-cpar u mod issuq meta ix xemx tkun qed tisreg f' ghajn dak li jkun u mod issuq f' ambjenti normali. Ghalhekk kul sewwieq ghandu jkun responsabbli li minkejja li jkun hemm speed massimu ghandu jeserita gwida shiha lejn l-ambejnti ta' madwar.*

Illi l-espert Dr Mario Buttigieg mahtur bhala espert fl-inkjesta magisterjali relatata mal-kaz odjern, kien ezamina l-vetturi li kienu involuti fl-incident mertu

[1] Emfasi tal-esponent

tal-kaz odjern. L-istess espert wasal ghall-konkluzjoni illi (*a fol* 160 tal-*proces verbal*):

> Illi ntant meta l-esponent kien fuq il-post tal-allegat incident irrizulta li l-*windshield* inkiser mill-parti ta' isfel. Minn aktar ricerki li ghamel l-esponent ma' diversi awturi esperti jidher illi minn ricerka li giet maghmula, gie ikkonstatat illi skond l-espert fil-qasam Bellion, meta pedestrian jolqot il-windscreen gie nnutat minn diversi kollizjonijiet illi, *it was noted that headstrikes to the* <u>*lower portion of the windscreen indicate 50 to 60 kilometer per hour,*</u> *a head strike in the middle portion of the windscreen indicates impact speed of 70 to 80 km/h and that for impact speeds of approimately 100km/h or greater, the headstrike was likely to occur near the top of the car or on the roof line of the vehicle.*

Illi l-istess Dr Mario Buttigieg kellu cans jixhed in kontro ezami quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2020, fejn kellu cans jidhol aktar fid-dettall fir-rigward ta' dak li kkonstata u r-ragunijiet li wassluh sabiex jiddeduci illi l-appellati kellhom nuqqas ta' *proper lookout* fil-kaz odjern. Ghalkemm huwa minnu illi l-appellat Warren Cassar ma kienx qieghed isuq b' velocità oghla minn dik rikjesta mil-ligi, bil-velocità li kien ghaddej biha, xorta wahda kien hemm nuqqas ta' prudenza in vista tac-cirkostanzi atmosferici ta' dakinhar. Inoltre, minn dak li qal l-istess Cassar, huwa ammetta illi ra lill-vittma gej mid-direzzjoni opposta qabel l-impatt[2] u ghaldaqstant kellu jezercita prudenza akbar fic-cirkostanzi;

Illi fis-sentenza suicitata fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija *vs* Jean Claude Mangion</u>**, din l-Onorabbli Qorti rriteniet kif gej:

[2] Vide Fol. 141 u 142 tal-*proces verbal*

*Il-"lookout"* gie defenit hekk f' **"Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd."12):**

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead - it includes awareness of what is happening in one' s immediate vicinity. A driver must have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Fil-kaz **' Il-Pulizija v Vella' 13,** din il-Qorti diversament preseduta qalet illi ;-

> ***"****In-nuqqas ta' sewwieq Ii jara dak Ii huwa in plain view, ossia dak Ii hu ragonevolment vizibbli, huwa auto kolpanti billi jimplika Ii ma jkunx qed izomm a proper lookout".*

Illi ghalhekk, tenut kont tar-rizultanzi tal-espert Dr Mario Buttigieg, kif ukoll il-principji legali enuncjati fis-sentenzi suriferiti, jista' jigi konkluz illi l-appellat Cassar kellu nuqqas ta' *proper lookout* dakinhar tal-incident mertu tal-kaz odjern;

Illi inoltre, fir-rigward ta' James Micallef, gie dedott u dan minn diversi xhieda okulari illi kienu fuq il-post tal-incident mertu tal-kaz odjern, u anke mill-istqarrija tal-istess Micallef, illi wara li l-appellat Cassar laqghat lill-vittma u l-istess vittma kien mal-art, l-appellat Micallef, issorpassa l-vettura ta' Cassar u ta' xi nies ohra u baqa' ghaddej minn fuq il-vittma. Konsegwentement, huwa telaq minn fuq ix-xena tal-incident u filfatt, instab hati talli huwa naqas milli jibqa' fuq il-post (i.e. it-tielet akkuza dedotta kontrih);

Illi x-xhieda okulari li ddeponew kemm fl-inkjesta magisterjali, kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u cjoe Malcolm Russel Azzopardi (*a fol* 32 *et seq* tal-Atti Processwali) u Joseph Debattista (*a fol* 35 *et seq* tal-Atti Processwali), kellhom ic-cans illi jispjegaw id-dinamika ta' dan l-incident. Fir-rigward ta' James Micallef, ix-xhud Malcolm Russel Azzopardi qal kif gej:

> *...kien hemm guvni tajjar lil xi hadd fit-triq, kien qieghed icempel milli jidher ma nafx fejn u x' fatta, ngabar it-traffiku u kif ingabar dan it-traffiku kien hemm xi hadd wara minn naha ta' Hal Luqa lejn tista' tghid lejn is-Siggiewi* ***qabez erba' (4) karozzi u sfortunatament ghaffeg lill-persuna li kienet mal-art milqut mill-ewwel karozza.***[3]

Illi inoltre Joseph Debattista, qal kif gej:

> *Kienu ghall-habta tas-sebgha neqsin ghoxrin (6.40) ta' filghodu,* ***kont it-tielet karozza minn fejn sar l-incident. L-ewwel karozza mess lill-vittma, mbaghad it-traffic zamm jigifieri u waqafna***[4]*, imbaghad xi mumenti ftit wara, t-tieni karozza saqet u ghadda minn nofs il-persuna.*

Illi ghaldaqstant, huwa car illi **almenu zewg vetturi** (u cjoe dawk taz-zewg xhieda okulari suriferiti), indunaw illi kien hemm xi haga mhux tas-soltu fit-triq li kienu qieghdin isuqu fiha, u filfatt waqfu u ma komplewx isuqu. Kien biss l-appellat Micallef illi ddecieda illi jissorpassa dawn il-karozzi biex jibqa' ghaddej, b' konsegwenza illi spicca saq minn fuq il-vittma;

Illi isegwi ghalhekk, illi kien hemm nuqqas ta' prudenza u *proper lookout* gjaladarba l-istess Micallef baqa' ghaddej minghajr ma ta kas dak li kien ghaddej

---

[3] Emfasi tal-esponent
[4] Emfasi tal-esponent

madwaru waqt li kien qieghed isuq. Illi huwa minnu illi fl-istess triq gie dedott illi ma kienx hemm linja bajda kontinwa u ghaldaqstant, seta' jissorpassa lill-vetturi ta' quddiemu, biss pero, sorpass irid isir f' cirkostanzi tali li s-sewwieq li jkun ikollu raguni jahseb li jista' jaqla' ' l barra b' sikurezza ghalih u ghal dawk li jkunu qieghdin juzaw it-triq, u dan kif gie ritenut f' diversi sentenzi tal-Qrati taghna, fosthom "Il-Pulizija *vs* Robert Zaffarese" deciza minn din l-Onorabbli Qorti, nhar is-6 ta' Novembru 2002;

Illi inoltre, l-Ewwel Qorti kienet ukoll skorretta fis-sentenza taghha fejn irriteniet *"illi apparti dan li diga` nghad, fir-rigward tal-ewwel akkuza, ma gie stabbilit mill-ebda espert jekk kienx l-ewwel impatt jew it-tieni impatt li kkawza l-mewt tal-vittma*[5]*"* u dan ghaliex mill-atti processwali u *ossia* r-relazzjoni tal-Espert Dr Mario Scerri gie stabbilit illi l-kawza tal-mewt tal-vittma kienet *"ikkagunata minn trauma vjolenti specjalment fuq ir-ras"*. Hareg car anke minn dak li qal l-appellat Warren Cassar illi huwa ra persuna hierga minn bejn zewg vetturi li kienu gejjin minn faccata u xorta wahda huwa baqa' jsuq u sussegwentement laqghat lill-istess persuna li b' konsegwenza waqghat mal-art, u ghaldaqstant jidher minn fejn giet it-trauma fuq ir-ras tal-vittma. Inoltre, gie kkonfermat ukoll mill-Espert Dr Mario Buttigieg illi l-vittma kellu marki ta' *tyres* fuq il-gakketta tieghu, li tikkombaci ma' dak li raw ix-xhieda okulari u cjoe illi l-karozza ta' James Micallef ghaddiet minn fuq il-vittma;

Illi finalment, jigi rilevat ukoll illi huwa minnu wkoll illi kien hemm negligenza kontributorja min-naha tal-vittma meta nstab illi kellu livell ta' alkohol u tip ta' drogi fid-demm. Madanakollu, huwa principju ben stabbilit li n-negligenza kontributorja tal-vittma m' ghandhiex tezonera lis-sewwieq mir-responsabbilità kriminali diment li n-negligenza kontributorja tal-vittma ma tkunx l-unika

---

[5] Vide pagna 39 tas-sentenza

kawza ghal dak li gara– kif diga gie ritenut, dan ma kienx il-kaz fil-kaz odjern. Finalment, jigi ritenut li n-negligenza kontributorja tal-vittma tista' sservi biss ghall-diminuzzjoni fil-piena erogata fil-konfront tal-appellati;

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2022.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-aggravju tal-Avukat Generali jidher li hu bbazat fuq apprezzament hazin tal-provi mill-Ewwel Qorti u dan ghaliex isostni li l-ewwel Qorti ma setghetx tillibera lill-appellat mill-ewwel u t-tieni akkuza. Issa hu principju ormaj stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha.

Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzjoni (ara f'dan is-sens *inter alia* l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila e[6]t** ; **Ir-Republika ta'**

[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994

**Malta vs. George Azzopardi**[7]; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[8]; Il-**Pulizija vs. Anthony Zammit**[9] u ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **R. v. Cooper**[10] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.*[11]

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet: **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[12], deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament talprovi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien*

[7] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989.
[8] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[9] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[10] ([1969] 1 QB 276

[11] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru,1994

*hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, that ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xhieda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xhieda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami akkurat u tal-provi prodotti lil Qorti b'referenza ghal kawza in kwistjoni.

Rat ix-xhieda ta-**surgent Jurgen Vella** moghtija nhar it-18 ta' Mejju 2015 fejn dan stqarr li nhar l-24 ta' Jannar, 2014 ghall-habta tas-6.45 a.m il-pulizija ta' l-ghassa t' Hal Luqa gew infurmati li kien hemm incident stradali fi Triq Hal Farrug, Luqa.

Gew infurmati li kien hemm persuna mixhuta ma l-art u li kellha diversi griehi u ghalhekk intalbet l-asssistenza u ambulanza. L-ewwel nies li waslu fuq il-post kien PS 363 assistit minn PC 367 fejn sabu persuna mitluqa fl-art u ma kienitx qed ticcaqlaq. Ftit 'l boghod minn din il-persuna kien hemm vettura tal-ghamla Opel Corsa ta' kulur ahmar bin-numru ta' registrazzjoni WAR 692 li kellha xi hsarat fuq il-windscreen u l-bonnet. Din il-vettura kienet qed tinstaq minn Warren Cassar. Wara ftit waslet l-ambulanza illi hadet din il-persuna li sa dak il-hin l-identita taghha ma kienitx ghadha mgharufa u din ittiehdet l-isptar ghal kura. Waqt l-invetigazzjoni sar mgharuf li l-persuna li giet milquta kienet Philip Scott Attard li kellu passaport Ingliz.

F'dan l-incident kien hemm persuna ohra involuta tal-ghamla Ford Escort numru ta' registrazzjoni BBS 347 misjuqa minn James Micallef . Il-vettura ta' dan Micallef ittiehdet l-ghassa ta' Rahal Gdid ghal iktar investigazzjoni.

Fuq il-post il-pulizija tkelmet ma certu Malcolm Russel Azzopardi li stqarr illi huwa kien qieghed fit-traffic wara li kien hemm incident ra ragel mitluq ma l-art u li l-vettura tal-ghamla Ford Escort, wara l-incident kien gja sehh telghet fuq il-persuna li kien ma l-art. Fil-fatt kien hemm xi nies li marru jghinu biex itellghu il-karozza minn fuq din il-persuna.

Gie stabbilit li fit-triq ma kienx hemm *street lights* u dakinhar it-temp kien xita. Sar mgharuf ukoll wara l-verifiki li ghamlu l-isptar li Scott Attard kien fil-perikolu tal-mewt u ghalhekk gie infurmat l-Magistrat tal-ghassa l-allura Magistrat Dr. Neville Camilleri fejn infethet inkjesta u gew nominati diversi esperti.

James Micallef kien gie arrestat ghaliex kien telaq minn fuq il-post. Fil-25 ta' Jannar, 2014 gew infurmati li Scott Attard kien miet u fit-28 ta' Jannar, 2014 saret l-awtopsja fuq il-katavru u rrizulta li Scott Attard miet rizultat ta' *scull injuries.*

Fit-30 ta' Jannar, 2014 huwa kien kellem lil Warren Cassar wara li kien tah is-solita twissija u dritt li jikkonsulta ma l-avukat fejn hu tkellem ma Dr. Zammit Mc Keon. Dan stqarr li dakinhar kienet niezla hafna xita u f'daqqa wahda minn quddiem il-karozza tieghu ra dell ta' persuna taqsam min naha tal-lemin ghan-naha tax-xellug pero ma rnexxielux jevitah u kien laqghat li din il-persuna bin-naha tal-lemin tal-vettura u b'konsegwenza ta' hekk din il-persuna waqghet ma l-art u ma bdietx ticcaqlaq. Qal li kien baqa' fil-karozza u ftit minuti wara giet karozza minn wara il-karozza tieghu u ppruvat taqbez il-karozza tieghu biex tibqa' sejra pero din telghet fuq il-persuna li kien hemm ma l-art. F'dak il-hin kien hemm hafna kommossjoni ghamlu sinjal lil dan ix-xufier biex jieqaf halli jkunu jistghu jaqilghu lil din il-pesuna minn taht il-vettura li kien safa' imtajjal ftit qabel. Is-sewwieq ta' din il-vetttura kien James Micallef. Dan Micallef baqa' sejjer pero Warren Cassar kien ha n-number plate tal-vettura.

Bhala prekawzjoni, stqarr li kien xeghel il-hazard lights, pero peress li kienet ix-xita huwa ma baqax barra mill-karozza pero kien dahal gewwa jistkenn mix-xita.

Fil-31 ta' Jannar, 2014 kien tkellem ma James Micallef u wara li tah is-solita twissija u d-dritt li jkellem l-avukat u dan ghazel li ma jiehux dan il-parir u fl-istatement tieghu stqarr li kien sejjer iwassal lil huh Brian gewwa kamra tan-nar ta' Hal Luqa. Qal li kien ra vettura wieqfa quddiemu u ma ra xejn fin-nofs u ghalhekk ipprova jaqbez il-vettura ta' Cassar u kif qabzu ezatt hass xi haga pero ma kienx jaf min fuq xhiex kien ghadda. Waqfu persuna u kien infurmah illi kien ghadu kemm ghadda minn fuq persuna bl-ewwel rota u ghalhekk in-nies li kienu fil-madwar ghollew il-karozza u James Micallef kien qabad il-persuna li kienet

ma l-art minn saqajha u harigha minn taht il-karozza. Qal li beda jinkorla man-nies li kienu hemm u dan ghaliex m'ghamlu l-ebda sinjal li kien hemm persuna ma l-art. Huwa qal li baqa' sejjer lejn ix-xoghol. Huwa esebixxa certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Thomas Armthys fejn iccertifika lil Scott Attard. Dan ic-certifikat hu markat bhala dok JV 5. Esebixxa dikjarazzjoni tar-rifjut markat bhala dok JV6, stqarrija ta' James Micallef markat bhala dok JV7, stqarrija ta' Warren Cassar markata bhala dok JV8 u n-notamenti li xehed minn fuqhom li gew markati bhala dok JV9.

Nhar it-8 ta' Mejju 2015 xehed **Malcolm Russel Azzopardi** [13] u spjega li kien fi Triq Hal Farrug sejjer lejn ix-xoghol ghall-habta tas-6.45 a.m. fejn kien hemm guvni li tajjar lil xi hadd fit-triq. Dan kien qieghed icempel u f'daqqa u l-hin ingabar hafna traffiku. Kien hemm xi hadd min naha ta' Hal Luqa sejjer lejn is-Siggiewi u qabez erba' karozzi u sfortunatament ghaffeg il-persuna li kienet ma l-art li kienet milquta mill-ewwel karozza.

Il-vettura li kienet involuta fl-ewwel incident waqfet u din kienet Fiat Punto bl-ittri fuq in-number plate WAR. It-tieni incident sehh b'karozza Ford Fiesta Mark 5 jew 6 ta' kulur abjad. L-ewwel incident ma rahx izda ra t-tieni wiehed. Kien fit-traffiku gej min naha tas-Siggiewi sejjer lejn Hal Luqa. Kien hemm vettura gejja mid-direzzjoni opposta u qabzet erba' karozzi u ghaddiet minn fuq il-persuna li kienet giet imtajra u li kienet ma l-art. Is-sewwieq hareg mill-karozza tieghu u beda jghajjat ghaliex m'ghamlux sinjal li kien hemm persuna mixhuta ma l-art u wara rega rikeb u telaq 'l hemm. It-temp kien ikrah hafna, kien ghadu jisbah u kienet ix-xita. Kien hemm erba' jew hames min nies li hargu l-persuna minn taht il-karozza.

[13] Fol. 32 tal-atti

In kontro-ezami nhar id-9 ta' April, 2018 jghid li huwa kien waqaf bil-karozza li kien qed isuq bejn iz-zewg vetturi li kien hemm u dan wara li t-tieni persuna kien gja ghadda minn fuq il-vittma. Il-vettura li kien qed isuq hija tal-ghamla Hyundai I10. Jikkonferma li l-karozza li ghaddiet fuq il-vittma kienet qabzet erbgha jew hames vetturi ohra pero minn dan mhux cert. Ikkonferma li kienet ix-xita u kien hemm dlam fit-triq.

Ix-xhud xehed in kontro-ezami nhar l-14 ta' Ottubru, 2019 u jikkonferma li kien sejjer lejn id-direzzjoni ta' Hal Qormi lejn l-Express Trailers u fiz-zmien tal-incident il-kundizzjoni tat-triq kienet disastru – bla dawl u kellha diversi hofor. Kien ghadu kmieni lanqas sebah u kien hemm xita qawwija. Kienu ghadhom is-6.30 a.m. u kien dlam cappa. Kien qed isuq wara Warren Cassar. Mal-hin beda jingabar it-traffiku. Huwa kien fit-traffic li kien mirxi lejn l-Expres Trailers waqt li n-naha l-ohra direzzjoni lejn Polidano kien wieqaf totalment. Bejnu u bejn Warren Cassar kien hemm xi ghaxar u jew tnax-il karozza. Kien kemm kemm miexi waqt li d-direzzjoni l-ohra kienet kompletament wieqfa. Mistoqsi jekk rax xi hadd jaqsam it-triq jghid li ma rax u l-persuna ma l-art lanqas biss kien raha sa dak il-hin. Huwa ma ra xejn min naha ta' Warren Cassar lanqas xi brejk u fuq l-incident ma jaf xejn. Imbaghad bdew mixijn u beda joqrob izda ma kienx ghadu jaf li kien hemm persuna ma l-art u f'daqqa wahda ghadda James bil-karozza Ford Escort. Dak il-hin meta ghadda James kien vicin ta' Warren. Rah gej mill-vojt tat-triq ghax dik il-parti tat-triq kienet wiesgha setghu jghaddu tlett karozzi. Kien hemm serbut karozzi sejjer lejn id-direzzjoni tal- Express Trailers u ohra sejra lejn Polidano. Rah jaqla' l-karozzi kollha u ghadda u laqat lill-persuna u waqaf fuq il-persuna li kienet f'nofs ta' triq. Dak il-hin iddecieda li jieqaf f'nofs it-triq biex jipprotegi l-vittma kien xi zewg tulijiet ta' karozzi 'l boghod. Ghamel hekk biex ma jkomplux ghaddejjin karozzi spjega li James ghadda minn fuq l-peruna bit-tyre ta' quddiem minn fuqu. Qal li minn dan cert ghaliex kienu hames persuni li refghu l-karozza biex hargu l-vittma minn taht ir-rota. Kellhom

jghamlu hekk ghax il-vittma kellu l-kaxxa ta' sidru taht ir-rota. Ma jahsibx li l-vittma kien mejjet dak il-hin. Minkejja li James kien jaf x'gara huwa telaq minn fuq il-post flimkien mal-persuna li kien hemm fil-vettura tieghu. Huwa induna bil-vittma ma l-art proprju meta James ghadda minn fuqu.

**Joseph Debattista** xehed nhar it-18 ta' Mejju 2015 u dan stqarr li kien ghall-habta tas-6.40 a.m. u kien fit-tielet karozza minn fejn sar l-incident. L-ewwel karozza messet il-vittma imbaghad it-traffic zamm u waqfu. Ftit mumenti wara kien hemm stat ta' paniku u konfuzjoni giet vettura ohra u rikbet fuq il-persuna li kien hemm ma l-art. In-nies irnexxilhom jigbru l-persuna minn taht il-karozza. Qablu kien hemm zewg karozzi dik tal-incident u ohra. Mistoqsi jekk rax l-ewwel incident jghid iva u ra qisu xi haga ittir fuq in-naha tal-lemin. Izda ma kienx cert jekk hiex xi persuna jew xi borza. Qal li ma kienux qed isuqu wisq bejn 40km/fs u 50 km/fs. Kien hemm ix-xita. Kien id-dlam u din il-karozza kienet hamra waqt li dik involuta fit-tieni incident kienet bajda. X'hin it-tieni karozza telghet fuq il-persuna n-nies bdew jghajtu '*ieqaf ieqaf*' ghax *tlajt fuq xi hadd.*' Jaf li in-nies hargu il-vittma minn taht il-karozza.

Nhar id-9 ta' April 2018 xehed in kontro-ezami jikkonferma li dakinhar tal-incident huwa kien sejjer ix-xoghol gewwa Lufthansa u kien qed isuq max-xellug tat-triq, diehel minn hdejn l-Express Trailers ghal Lufthana Tecnik. Ikkonferma li kien hemm id-dlam u hafna xita. It-triq kienet busy, karozzi kien hemm fiz-zewg direzzjonijiet. It-traffiku ma kienx iggamjat izda ma tantx kien hemm gap bejn karozza u ohra. Jghid kif sehh l-ewwel incident u cioe kif spiccat ma l-art il-vittma ma jafx pero ra titgerbeb. Ghall-ewwel haseb li kienet xi garbage bag. Huwa ra haga f'nofs ta' triq u l-karozza hamra mal-genb parkjata. Mistoqsi jekk kellhiex il-hazard lights mixghula jghid li ma jafx. Jghid li huwa kien fil-vettura tal-ghamla Honda. Ra lil xi hadd ilibbes il-vittma *fluorescent vest.* Dan gabu xi hadd li kien nizel mid-direzzjoni opposta. Huwa baqa' dejjem fil-karozza ma

harigx minnha. Jghid li imbaghad telaq 'l hemm u rcieva telefonata minghand il-pulizija biex jaghti x-xhieda tieghu.

Nhar it-13 ta' Mejju, 2019 ix-xhud rega xehed in kontro-ezami u kkonferma li kien hemm serbut ta' karozzi. Mhux *slow moving*. Dawl dak iz-zmien fit-triq ma kienx hemm. It-triq hija wahda isserrep u hija ukoll '*bumpy*' Din it-triq tintuza hafna min nies li sejrin jahdmu u ghand Polidano jew il-Lufthansa Teknik. Bankini dakinhar ma kienx hemm lanqas. Spjega li kien miexi xi 50 km fis-siegha u kien wara l-vettura ta' Warren Cassar u karozza ohra. Kollha kellhom l-istess speed. Imbaghad jara xi haga qed taqa' ma jafx jekk kienitx ragel jew mara jew borza. Kien id-dlam. Fid-direzzjoni opposta ukoll kien hemm il-karozzi. Minn fejn bdiet il-haga ma setax ra taqa 'ma l-art f'nofs it-triq. Jghid li kien id-dlam u x-xita u l-vizjoni tieghu ma kienitx wahda tajba. Ra din il-haga taqa' lejn il-lemin tal-vettura tieghu. Mistoqsi jekk l-impatt sarx mal-genb tal-vetttura jghid li ma jafx kien il-boghod meta sehh l-impatt. Meta ra dan isehh il-vettura ta' Warren Cassar waqfet mill-ewwel. Anke it-tieni vettura ta' James Micallef waqfet. Meta sehh it-tieni incident hadd ma kien ghadu hareg mill-vettura. Kif sar it-tieni impatt li bdew jieqfu l-karozzi. Mistoqsi jekk rax li l-vettura ta' James Micallef kellhiex xi indicator jghid li ma kellhiex. Jghid li ra lil James Micallef jitla fuq il-vittma li kien f'nofs it-triq. Dan sar bit-tajer ta' quddiem tal-lemin tan-naha tad-driver. Telgha fuqu u waqaf. Meta Micallef telgha fuq il-vittma, waslet biswit il-karozza ta' Cassar. Dak il-hin ra li fil-karozza ta' Micallef kien hemm zewgt irgiel u dawn hargu mifxulin mill-vettura taghhom. Jghid li bdew iduru mal-karozza u kienu fi stat ta' panic. Imbaghad ra l-vettura ta' Micallef titla bil-gakk u hargu l-vittma minn taht ha. Kien hemm xi hadd li kellu flokl tal-construction u poggewh fuq il-vittma. Jghid li ftit tal-hin wara, it-tieni vettura saqet 'l hemm lejn il-Lufthansa u huwa ghamel l-istess. Mistoqsi jekk hux minnu li l-vittma hareg minn bejn zewg vetturi jghid li dak ma jistax jghid. Huwa ra l-haga taqa' f'nofs triq. Minn fejn gie jew kif spicca f'nofs it-triq ma jafx. Kien hemm ukoll id-dawl tal-karozzi li kienu

gejjin mid-direzzjoni opposta bhala ostakolu iehor ghas-sewwieq apparti d-dlam u x-xita. Mistoqsi jekk iz-zewg karozzi li kienu quddiemu kellhomx dawl fuq quddiem jghid li ma jistax ikun jaf ghax kien warajhom. Dawl fuq wara kellhom. Induna li l-haga kienet persuna meta ra lil Micallef jitla fuqu ghax dak il-hin kien vicin tieghu.

Jinghad li dan ix-xhud kien anke xehed fl-atti tal-inkjesta ftit wara sehh l-incident. Ikkonferma li kien ghaddej minn Triq Hal Farrug ghall-habta tas-6.45 a.m. Huwa kien ghaddej wara karozza bajda u quddiem taghhom kien hemm vettura tal-kulur ahmar. F'daqqa wahda ra l-vettura hamra tolqot xi haga li wara induna li kienet persuna. Bid-daqqa l-persuna intremiet fl-arja u spiccat f'nofs ta' triq. Huwa qatt ma ra lil din il-persuna taqsam it-triq. It-tlett vetturi waqfu wara xulxin. Dak il-hin huma waqfu u anke l-vetturi tad-direzzjoni opposta waqfu. F'daqqa wahda vettura ta' kulur abjad qalghet il-vettura li kienu weqfin u baqghet tiela fuq il-persuna li kienet f'nofs it-triq u dan bir-rota ta' quddiem. Imbaghad dan is-sewwieq telaq 'l hemm.

Rat il-proces verbal esebit fl-atti a fol. 56 et seq.

Rat ix-xhieda ta' **Brian Micallef** moghtija nhar is-16 ta' Novembru 2015 u kkonferma li huwa kien riekeb fil-vettura Ford bajda ma huh l-akkuzat James Micallef. Jghid li kienu qed isuqu u quddiemhom ma kienx hemm karozzi ohra u appena waslu fejn il-bandli kien hemm zewg karozzi weqfin wahda mal-genb u wahda naqra hekk u huh qallu *"ara dawn weqfin mal-genb meta ikun hawn ix-xita hawn dejjem jahbtu."* Imxew ftit iehor 'l fuq u f'daqqa wahda wehlu ma xi haga li kienet fin-nofs. Kien hemm wiehed fil-genb u dan beda jghajjat *'mela ma rajtux ghadu kemm tajru bniedem '*. Huma baqghu hekk, keshu nizel mill-karozza u speci beda jiggieled mieghu. Anzi jghid li kien mahruq ghaliex bniedem ma thallihx f'nofs ta' triq. Jghid li huh nizel minn naha l-ohra u qabdu il-jack u huh kien ser

jiggakja l-karozza izda qallu biex ma jghamel xejn minn dan. Sadanitant lahqu ingemghu hafna nies u qal li jkun ahjar li jerfghu il-karozza min naha fejn kien hemm il-vittma mal-art u johorguh u fil-verita hekk ghamlu. Imbaghad ghattewh bi flokk ghaliex ma kien liebes xejn. Regghet bdiet nizla x-xita u staqsa jekk kienux ser ihalluh hemm. Imbaghad cempel ghall-ambulanza u qalulu li kien hemm wahda fit-triq. Huma regghu dahlu fil-karozza ghax regghet bdiet nizla x-xita u wara rega hareg u mar imiss il-vittma u kien kiesah silg. Rega dahal fil-karozza u lil huh qallu *'tghid immorru l-kamra ingubu lizar biex nghatuh bih.'* Hekk ghamlu . Imbaghad baqghu l-kamra ma marx lura fejn sehh l-impatt waqt li huh suppost kellu imur lura b'kutra fuq il-post biex jghattti l-vitma.  Jaf li imbaghad cempillu u qallu li waslet l-ghajnuna.

Mistoqsi x'ra meta nizel mill-karozza ghall-ewwel darba jghid li ra bniedem mixhut ma l-art f'nofs ta' triq. Wiccu kien l-isfel, wara r-rota ta' quddiem. Meta ra z-zewg karozzi wieqfa mal-genb ghall-ewwel haseb li kien hemm kollizjoni. Qal li sa fejn jiftakar hu, huh ghadda min maghhom biex ma jolqothomx. Wahda mill-karozzi kienet fil-genb tat-triq u l-ohra tostakola t-triq. Ghalhekk haseb li kienu habtu. Qal li fit-triq dawl ma kienx hemm u n-nies attirawlhom l-attenzjoni wara li l-vettura taghhom ghaddiet minn fuq il-vittma. Kien dlam cappa.

Dan ix-xhud xehed ukoll fl-atti tal-inkjesta u kkonferma li meta kien ghaddej min Triq Hal Farug nhar l-24 ta' Jannar 2014 kienet nizla hafna xita. Meta waslu hdejn l-incident ra karozza hamra wieqfa u vetturi ohra f'nofs ta' triq u persuna iddur mal-karozza hamra. Huh waqaf momentarjament wara l-vettura hamra u hekk kif qabez l-imsemmija vettura hassew xi haga li kienet qed tostakla l-vettura. Huwa qatt ma ra din il-persuna mitluqa ma l-art. Meta huh James telgha fuq din il-persuna waqfu immedjatament  u appena hareg mill-vettura ra l-vittma taht il-karozza. Huma telqu minn fuq il-post sabiex igibu bicca plastic biex jghattu l-vittma pero ma rritornawx lura.

**James Stewart** xehed fl-atti tal-inkjesta u qal li huwa habib tal-vittma Philip Scott Attard u kuljum jghaddi ghalih u jwaslu hdejn ir-roundabout tal-Express Trailers. Attard kien jahdem fil-winery ta' Monte Cristo. Dakinhar tal-24 ta' Jannar 2014 kien waqfu vicin il-*bus stop* u jghid li sa fejn jaf hu, meta tkun ix-xita siehbu jimxi fuq in-naha tal-lemin tat-triq.

Rat ix-xhieda ta' **PS 653 Antoine Sacco** li xehed nhar il-5 ta' Ottubru, 2015. Dan stqarr li fl-24 ta' Jannar, 2014 ghall-habta tas-6.45 a.m. ircieva telefonata fejn gie infurmat li kien hemm incident stradali fi Triq Hal Farrug Luqa. Huwa mar minnufih fuq il-post fejn sab vettura wieqfa ta' kulur ahmar tal-ghamla Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni WAR 692. Man-naha tal-lemin fin-nofs tat-triq sab persuna mixhuta ma l-art rasha l-isfel fejn innota li kienet qed tiehu n-nifsijiet spissi. L-ambulanza waslet minnufih u hadet lil din il-persuna l-isptar. Sa dak il-hin ma kienux jafu l-identita tal-persuna.

Jghid li dakinhar kienet ix-xita u dwal fit-triq ma kienx hemm. Fuq il-post tkellem ma Malcolm Russel Azzopardi fejn dan infurmah li kien ra persuna b'vettura tghaddi minn fuqu. Qal li l-Opel Corsa waqfet. Qal li l-persuna li ttajret kienet qed taqsam it-triq u l-Opel Corsa laqtitha u l-persuna waqfet f'nofs ta' triq. Kien hemm vettura ohra gejja mid-direzzjoni li kien hu u l-Opel Corsa u din qabzitu u ghamlet *over taking* u ghadda minn fuq il-persuna li kienet ma l-art. Il-vetturi kollha kienu gejjin min naha ta' Hal Luqa sejrin lejn l-Imqabba. Il-vettura li qabzitu kienet misjuqa minn James Micallef u kellha n-numru ta' registrazzjoni BBS 347. Huwa tkellem mieghu fl-ghassa ta' Rahal Gdid. Dan qallu li kien telaq minn fuq il-post wara l-incident ghaliex kien imbezzaq u meta ra li gew il-pulizija tat-traffik hass li ma kellux imur hemmhekk fuq il-post tal-incident.

Jghid li huwa kien tkellem ma Warren Cassar fuq il-post u ma qallux li kien ghaddej u f'daqqa wahda ra xi haga u baqghet diehla fil-karozza tieghu. Bhala

hsara fuq il-vettura din kellha l-bumper ta' quddiem, il-bonnet, il-windscreen u l-windscreen fuq in-naha tal-lemin. Ix-xhud esebixxa zewg settijiet ta' dokumenti wiehed b'numru ta' ritratti li gie markat bhala dok AS1 ezatt disa' ritratti u l-iehor bl-okkorrenza li gie markat bhala dok AS2.

**PC 367 Michael Sacco** xehed nhar is-26 ta' Jannar, 2016 u qal li nhar l-24 ta' Jannar, 2014 huwa assista f'incident stradali. Jghid li ghall-habta tas-6.45 a.m. ircevew telefonata li kien ghadu kemm sehh incident fi Triq Hal Farrug, Hal Luqa. Huwa flimkien ma PS 353 Antoine Sacco marru fuq il-post u nnotaw li kien hemm persuna ma l-art f'nofs ta' triq. Din kienet wiccha l'isfel. Dak il-hin qabad il-mobile u cempel ghall-ambulanza u dawn qalulu li kien hemm wahda *on the way*. Huwa mar jikkontrolla t-traffiku ghax kien hemm naqra traffiku mhux hazin u s-surgent mar jiehu l-verzjoni tal-akkadut. Kien hemm l-akkuzat Warren Cassar li gharaf presenti fl-awla u dan kellu l-vettura Opel numru ta' registrazzjoni WAR 692. Meta waslet l-ambulanza l-vittma kien ghadu haj. Jghid huwa ma kienx prezenti meta s-surgent ha l-verzjoni ta' dak li kien gara. Il-vettura Opel kienet qed thares lejn id-direzzjoni ta' l-Imqabba u l-vittma kien ghan-nofs tat-triq. Hsarat kien hemm fl-Opel fuq il-bonett, bumper u windscreen. Dak in-nhar kienet xita qalila u kien hemm id-dlam. Ma jidhirlux li kien hemm dawl fit-triq. Qal ukoll li f'dawk il-hinijiet ikun hemm hafna traffiku f'dik it-triq ghax tintuza hafna.

Rat li nhar it-13 ta' Frar, 2014 **PS 1392 Kevin** Buhagiar halef ir-relazzjoni tieghu li giet markata bhala dok KB1. Din ir-relazzjoni tikkonsisti f'numru ta' ritratti mehuda ftit wara l-incident.

Nhar it-18 ta' Mejju 2015 xehdet **Profs Marie Therese Podesta** u murija l-proces verbal b'mod partikolari r-rapport li ghamlet ta' l-awtopsja markat bhala dok MTC1 a fol. 123 tal-process tikkonferma li gie rilaxxjat minnha u li l-kawza tal-

mewt kienet frattura tal-kranju u emorogija gewwa l-kranju rizultat ta' incident awtomobilitiku. Apparti dawn il-feriti qalet li l-vittma kellu ukoll *black eye* u ferita kontuza fuq l-ghajn il-leminija. Apparti dawn il-griehi ma rat l-ebda griehi ohra fuq il-katavru.

**Dr. Ali Safraz** xehed nhar il-5 ta' Ottubru 2015 u muri d-dokument markat bhala dok MTC1 a fol. 123 jikkonferma li dak kien ir-rapport imhejji minnu flimkien mal-Professur Camilleri dwar l-awtopjsa li saret fuq il-katavru ta' Philip Christopher Scott Attard.

Rat ix-xhieda ta' **Dr. Mario Scerri**, moghtija nhar it-18 ta' Mejju, 2015 u muri r-relazzjoni a fol. 129 tal-process jikkonferma li kienet giet rilaxxjata u konfermata minnu. Spjega li sehh incident tat-traffiku nhar l-24 ta' Jannar, 2014 fejn Philip Christopher Attard Scott kien miet rizultat ta' dan l-incident. Ikkonferma li l-vittma kellu kontuzjoni f'rasu superficcjalment kellu brix f'wiccu, brix fuq sidru u brix kullimkien. Il-kawza tal-mewt tieghu kienet il-*head injury* u miet kagun taghha. Gie dikjarat li kellu *brain death* nhar il-25 ta' Jannar, 2014.

In kontro-ezami nhar it-12 ta' Novembru, 2014 u spjega li meta ikun hemm *pressure* fuq persuna dak jissejjah '*crush injuries*'. F'dan il-kaz ma rrizultalux li kien hemm *crush injuries* fuq il-vittma. Ikkonferma li l-vittma miet bhala rizultat ta' *blunt injury* fir-ras. Ikkonferma li l-vittma qala' daqqa bil-bonnet. Injuries fil-*lower limbs* ma kienx hemm. *Friction marks* fuq il-katavru lanqas ma ra. Kellu biss ftit abrazzjonijiet. L-impatt vjolenti li kellu kien fuq il-kranju. Is-*secondary impact* kienet mal-windscreen, l-ewwel impatt kien mal-bonett. Jista jkun li l-fratturi sehhew bid-daqqa li ha minghand Cassar u jista jkun bil-waqa' ma l-art wara li gie imtajjar.

In kontro-ezami nhar it-23 ta' Frar, 2021 jghid li huwa ma rax il-vittma fuq il-post izda rah biss l-isptar. Huwa ma jafx b'liema parti tal-vettura James telgha fuq il-gisem ta' Attard Scott u lanqas liema parti tal-katavru intmiss mill-vettura. Li jista jghid hu li hu ezamina l-vittma u ma kienx hemm sinjali  ovvji li l-karozza telghet fuqu. Ma jistax jghid jekk il-*head injuries* li kellu l-vittma kienux rizultat ta' l-ewwel impatt jew tat-tieni impatt. Zgur pero li *crush injuries* ma kienx hemm. Fil-fatt jghid li possibilment it-tieni karozza setghet hakket mieghu u mhux telghet fuqu.  Zgur li l-kawza tal-mewt kienet wahda celebrali. Spjega ukoll li dakinhar tal-incident ghall-habta ta' 07.41 it-tobba tal-isptar hadu kampjun tad-demm tal-vittma u ghamlu test tossikologiku fuqu u rrizulta li Scott kellu 164mg ta' alkohol li huwa livell gholi u spjega li dan ifisser li fil-hin tal-incident u cioe fis-06.44am, il-livell tal-alcohol kien ta' 170mg. Kien fi stat ta' sakra u dan il-livell jimpedik mill-funzjonijiet normali. Apparti dan kellu ukoll cocaine u opiates fid-demm. Dawn jistghu jikkagunaw *impairment* tad-eccezzjonijiet li tiehu *there and then* izda ma jikawzawx il-mewt ta' dak li jkun.

**Perit Richard Aquilina** ipprezenta r-relazzjoni tieghu fl-atti tal-inkjesta li giet markata bhala dok RA1 nhar l-20 ta' Frar 2014 u xehed quddiem il-Qorti nhar il-5 ta' Ottubru 2015. Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-incident sehh bejn Triq l-Imgieret u Ta' Kandja. Din it-triq ghandha zewg karreggjati wahda kontra l-ohra. Fil-parti l-kbira taghha din it-triq hi imserpa u l-wisa' taghha jvarja matulha kollha. Il-kostatazzjonijiet li saru fuq il-post ta' l-incident huma s-segwenti:-

- Karozza Opel Corsa Nru WAR 692 ahmar li kellha
- Il-bonnet mifqugh fin-naha tal-lemin ta' quddiem
- Il-bumper (tal-plastic) maqlugh minn loku
- Il-windscreen mifqugh lejn in-naha ta' fuq bic-centru tat-tifqigha f'gholi ta' 1.10m
- Roqgha demm zghira fuq art imxarba

- Roqgha demm zghira fuq art imxarba
- Roqgha demm zghira fuq art imxarba
- Baskett
- Papocca tal-lemin

It-triq kienet imxarba sew u ma instabux breakmarks.

**Dr. Marisa Cassar** xehdet nhar l-24 ta' Frar 2014 u pprezentat ir-relazzjoni taghha li giet markata bhala dok MC1. Mill-kampjuni li gew mehuda u mghotija lilha dawn kienu pozittivi ghad- demm ta' profil genetiku wiehed ta' l-istess ragel.

**Dr. Mario Buttigieg** xehed nhar it-28 ta' April, 2014 u pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet markata bhala dok MB1. Minn ezami tal-istess, jirrizulta s-segwenti:-

- Illi dan l-incident stradali sehh go Triq Hal Farrug Luqa meta Warren Cassar kien qed isuq vettura tal-ghamla Opel mudell Corsa bin-numru ta' registrazzjoni WAR 692.
- Illi waqt li Warren kien ghaddej laqat lil Philip Scott Attard li dak il-hin kien qieghed jaqsam min naha tal-lemin ghan-naha tax-xellug.
- Illi kif Attard kien mitluq f'nofs tat triq giet vettura misjuqa minn James Micallef ta' ghamla Ford mudell Escort bin-numru ta' registrazzjoni BBS 347 u din qabzet il-vettura ta' Cassar u baqghet tiela' fuq il-vittma.
- Illi dan sehh nhar l-24 ta' Jannar 2014 ghall-habta tas-6.35 a.m. u skond ix-xhieda u evidenza migbura minnu t-temp dakinhar kien hazin, peress li kienet xita qawwija u t-triq kienet imxarba u bhala visibilita kienet ukoll ritretta minhabba l-istess xita.
- Fuq il-post gie stabbilit li l-akkwati huma nieqsa mid-dawl artificjali tal-gvern peress illi fil-vicinanzi hemm ir-*runway* tal-airport.

- Illi fil-mument tal-allegat incident is-sewwieq James Micallef xehed li kellu lil huh mieghu fil-karozza u kien ser iwaslu lejn il-kamra tan-nar ta' Hal Luqa.
- Illi min naha l-ohra l-allegat vittma Philip Scott Attard dan kien mitluq ma l-art fin-nofs wara illi hu kien diga gie involut f'incident ta' traffiku iehor meta gie imtajjar minn Warren Cassar.
- Minn ricerki li ghamel l-espert Dr. Buttigieg ma diversi awturi rrizulta li l-mod ta' kif inkiser il-windscreen juri illi Cassar kien qed isuq b'velocita ta' mhux inqas minn 70KM/fs.
- Kif Attard kien mitluq ma l-art giet il-vettura ghamla Ford u mill-istess direzzjoni li kien qed isuq biha Cassar baqghet tiela fuq il-vittma illi kienet mixhuta ma l-art.
- Irrizulta li Micallef kien waqqaf il-vettura tieghu ftit wara l-vettura ta' Cassar izda wara ftit qabad u qabez il-vettura ta' Cassar minghajr ma ccekja it-triq bil-konsegwenza li baqa' tiela fuq il-vittma illi kienet mixhuta ma l-art.
- Intant sabiex inhareg Attard, nies li dak il-hin kienu fuq il-post kellhom juzaw jack sabiex ghollew il-vettura ta' Micallef. Attard ingibed minn taht il-qiegh tal-vettura.
- Illi b'konsegwenza tal-allegat incident il-vettura sofriet hsarat minimi u kull ma kien hemm kien fil-fatt ftit slieh taht il-*floor board*.
- Min naha l-ohra l-Opel soffriet hsarat moderati fuq quddiem.
- Illi meta Attard gie riferut l-isptar Dr. Armathys iccertifika lil Attard li kien sofra griehi ta' natura gravi gie riferut lejn it taqsima Intensiva. Wara ftit sieghat il-vittma tilef hajtu.
- Illi *break marks* fuq il-post ma kienx hemm u lanqas *skid marks* ma kien hemm. Illi gie stabbilit li s-sewwieq tal-Ford Escort qatt ma naqqas il-

velocita li biha kien ghaddej u illi l-vettura tieghu telghet fuq il-vittma Attard.

- L-espert esamina iz-zewg vetturi dakinhar stess fejn irrizulta li l-vetturi kienu f'kundizzjoni tajba kemm mill-aspett ta' brejkijiet kemm bhala *steering* u anke bhala dawl u kollox deher li kien qed jahdem sew. Ghalkemm id-dawl tal-Escort ma kienx *aligned* kif suppost.
- Fil-fehma tal-espert iz-zewg sewwieqa urew nuqqas ta' responsabilita u naqsu illi jiehdu *a proper look out.* Jemmen li hemm element ta' traskuragni fiz-zewg sewwieqa.

L-espert xehed in kontro-ezami nhar is-6 ta' Novembru 2020 u mistoqsi jispjega fejn ezatt sehh l-incident jghid li l-kollizjoni saret fi Triq Hal Farrug fejn hemm l-Express trailers direzzjoni lejn ta' Kandja. Jghid li kienet ix-xita sew, it-triq kienet imxarba u kien ghaddej certu ammont ta' ilma. It-triq ma kellhiex dawl u ma kienx hemm dawl li juri. Kien hemm hafna sigar ukoll fit-triq u l-ftit dawl li hekk jarmi mill-bozza stess. Dan inaqqas il-vizibilita u jaghmel hafna *shadowing.* Kien kwazi dlam cappa. Ikkonferma li d-dawl fuq l-Escort ma kienx korett ghaliex ma kienx *aligned* kif suppost u dan ifisser li kieku kien alligned kien jitfa iktar dawl f'nofs il-karozza. F'dan il-kaz l-*alignment* kien fuq il-lemin u by right suppost kellu jara bniedem jaqsam it-triq. In-nuqqas ta' alignment isisr ghaliex ikun hemm nuqqas ta' maintenance. Ikkonferma li l-hsara fuq il-vettura ta' Warren kienet fuq il-bonnet il-*packing* tal-windscreen. Id-daqqa kienet fuq id-daqqa tal-lemin. Jaqbel ma dak li gie suggerit lilu li l-vittma intlaqat u minhabba l-impatt spicca fuq il-bonett tal-vettura u imbaghad trembel. Meta l-vettura misset l-pedestrian kienet mal-bumper ghaliex fuq ix-xibka tidher li hemm daqqa. Imbaghad hemm daqqa fuq il-bonnet u wara fuq il-windscreen dan jindika li l-vittma spicca telgha fuq il-bonnett. Jghid li jista jghati l-kaz li l-vittma qasam bejn zewg vetturi. Fit-triq ma hemmx bankini u wiehed ma jistenniex li jkun hemm nies jaqsmu. Huwa post disabitat. Jghid li l-vittma kien gja qasam tlett kwarti tat-

triq  u dan stabbilih wara li sema lil Warren jixhed u jghid li rah jaqsam minn bejn zewg karozzi in-naha tax-xellug ghal lemin. Ikkonferma li l-vittma intlaqat mill-windscreen u spicca la genba. U mhux quddiem il-vettura ghalkemm fejn spicca wara li gie milqut ma jistax jghid. Huwa wasal fuq il-post sieghat wara. Jghid li l-pulizija ma ghamlu l-ebda marka fejn spicca l-vittma u lanqas ix-xhieda li xehdu quddiemu ma qalux fejn spicca il-vittma.  Jispjega fuq domanda tad-difiza li mad-daqqa l-vittma tar *forward projection* pero l-vettura ma tieqafx f'salt u ghalhekk il-vittma ma spiccax fuq quddiem taht l-istess vettura li laqtitu. Jghid li Warren Cassar kien qed isuq b'velocita ta' inqas minn  70 km/fs  ghalhekk xi 50km/fs skond il-limitu ta' dawk l-akwati u fir-relazzjoni tieghu ta spjegazzjoni ghal kif wasal ghal dan is-sewqan.

Jikkonferma li mill-investigazzjoni mizmuma minnu James Micallef saq ghal fuq il-vittma  u wasal ghal din il-konkluzjoni ghaliex il-vettura giet elevata sabiex il-vittma jinhareg minn tahtha. Mhux hekk biss izda kien hemm biccciet umani mas-*sump* taz-zejt tal-vettura ta' Micallef. Dan jinsab 'l fuq mix-shaft tar-rota. Jghid li kien hemm anke marki tat-tyres fuq il-gakketta tal-vittma ghalkemm jghid ma jafx jekk il-vittma kienx liebes il-gakketta. Ghalih il-pedestrian ma kienx negligenti ghaliex ma kienx hemm min fejn jaqsam. Jghid li bil-fors qasam meta sab il-vojt. Ghalih kien hemm nuqqas ta' *proper look out* minn Cassar ghaliex rah jaqsam minn bejn zewg vetturi u baqa' ghaddej filwaqt li James Micallef baqa' isuq ghal fuqu.  Zgur li Warren ra lill-vittma jaqsam ghaliex kieku ma kienx jghid li qasam bejn zewg vetturi.

**Karen Cremona** xehdet ghan-nom u in rappresentanza ta' Tranport Malta u dan fis-16 ta' Novembru, 2015 u tghid li giet mitluba biex tixhed fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBS 347 tal-ghamla Ford Escort ta' kulur abjad u kkonfermat li din hija registrata fuq James Micallef u ilha hekk registrata sa mid-9 ta' Mejju 2007. Qalet li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni WAR 692 hija tal-

ghamla Opel Corsa ta' kulur ahmar registrata fuq Warren Cassar u ilha hekk registrata sa mill-4 ta' Novembru, 2014. Rigward il-licenzja tas-sewqan ta' James Micallef dan ghandu licenzja valida biex isuq vettura u hija valida sa l-1 ta' Dicembru 2022 waqt li Warren Cassar ukoll ghandu licenzja tas-sewqan u din hija valida sas-6 ta' Settembru 2024. Hija esebiet dokument mahrug mis-sistema komputerizzata taghhom li giet markata bhala dok KC.

Fl-inkjesta kien xehed ukoll **Malcolm Azzopardi** u dan quddiem l-espert Dr. Mario Buttigieg u spjega li dakinhar tal-24 ta' Jannar, 2014 kien ghaddej minn Triq Hal Farrug  u kien hemm diversi vetturi kemm quddiemu kif ukoll warajh. Appena wasal fejn sehh l-incident ra bniedem mixhut ma l-art. Dan kien fil-vicinanzi tal-vettura. Kien ghadu imwahhal fit-traffic peress li kien bniedem mitluq ma l-art f'nofs tat-triq. L-Opel kienet mal-genb bil-hazard lights mixghulin, waqt li l-vetturi ohra minn fejn kien gej bdew jieqfu ma gemb it-triq. Meta f'daqqa wahda ra vettura tal-ghamla Escort mudell mark IV ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni BBS 347 taqbez diversi vetturi bejn tnejn sa tlieta, qabzet il-vettura Opel li kellu l-hazard lights mixghula u baqa' tiela' fuq il-persuna li kien hemm f'nofs ta' triq. Ghadda minn fuq il-vittma bir-rota ta' quddiem tan-naha tad-driver. Kif ra hekk ippanikja u hareg mill-karozza u flimkien mas-sewwieq tal-Opel ghollew il-Ford Escort u gibdu l-vittma minn taht il-vettura Ford Escort. Is-sewwieq tal-Ford Escort beda jidghi u jitkellem hazin ghaliex allega li ma kienu ghamlu xejn dwar il-vittma ma kienux ghattewh. Imbaghad wara xi hames minuti qabad u telaq 'l hemm. Huwa baqa' fuq il-post sakemm gew il-paramedici. Wara li sehh it-tieni incident xi hadd li kien liebes *high visibility vest* nehhih minn fuqu u poggiha fuq il-vittma. Baqghu imexu it-traffic sakemm waslet il-pulizija fuq il-post.

L-imputat **Warren Cassar** xehed fl-atti tal-inkjesta u rega xehed il-Qorti viva voce nhar it-22 ta' Novembru, 2021, sebgha snin wara l-incident. Spjega illi dakinhar

tal-24 ta' Jannar, 2014 huwa kien qed isuq vettura tal-ghamla Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni WAR 692. Telaq mid-dar ghall-habta tas-6.15 a.m u dak il-hin li hareg mid-dar kienet ix-xita. Jghid li jahdem il-Lufthansa Teknik gewwa Hal Farrug u ghalhekk jghaddi minn dik it-triq kull darba li ser ikun xoghol. Kien ghaddej b'velocita ta' madwar 35 km/fs sa 40 km/s. Jghid li kien hemm vetturi kemm quddiemu kif ukoll warajh. Il-vettura ta' quddiemu kienet madwar erba' metri 'l boghod. Vetturi mid-direzzjoni opposta kienu ghaddejja ukoll. Kien tiela 'l fuq bid-dawl mixghul, peress li kien ghadu d-dlam u dawl fit-triq ma kienx hemm. Kif kien tiela' ra persuna hierga minn bejn zewg vetturi li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta. Dawn il-vetturi kienu nizlin bil-mod. Il-vittma hareg jigri minn bejn il-vetturi. Dak il-hin ghafas il-brejk tal-vettura izda xorta wahda laqtu. Meta laqtu d-distanza kienet ta' mhux aktar minn zewg metri. Dak il-hin iffriza u wara li ghamel ftit tal-hin fil-vettura hareg. Kien f'paniku u meta kien ghadu hdejn il-bieba tan-naha ta' fejn isuq ra vettura tal-ghamla Escort ta' kulur abjad jaqla' minn warajh u dan telgha fuq il-vittma. Sema lin-nies jghidulu sabiex ma jsuqx u xi nies isejhulu sabiex jghinhom jghollu l-vettura. Is-sewwieq l-iehor beda jghajjat u jidghi li hadd ma ghamel xejn u saq il-vettura quddiem tieghu. Kompla jghajjat. Waqt li kien fuq it-telefon, id-driver l-iehor telaq 'l hemm u tela jigri warajh izda ma lahqux. Huwa baqa fuq l-post sakemm gew il-paramedici kollha.

Meta xehed il-Qorti spjega li t-temp ma kienx tajjeb xita qawwija u kien ghadu kmieni u kien hemm id-dlam. Dawl tal-gvern ma kienx hemm u ghalhekk minghajr id-dawl tal-karozzi ikun hemm *black out*. Linji fit-triq ma hemm xejn u t-triq ma kienitx f'kundizzjoni tajba. Bankina hemm wahda biss fuq in-naha ta' fejn kien qed isuq hu u mhiex it-tul kollu tat-triq. It-traffiku fuq in-naha tieghu kien spazjat waqt li d-direzzjoni opposta kien hemm iktar traffic karozza mixja wara l-ohra. Bejnu u bejn il-karozza ta' quddiemu kien hemm distanza ta' cirka nofs karozza. Jikkalkula li l-ispeed tieghu kien ta' madwar 40 km/fs. Fil-qorti

kuntrarjament ghal dak li stqarr fl-inkjesta jghid li huwa ra l-vittma *'for a split of a second'* Kull ma kellu cans hu li jitfa saqajh fuq il-brejk biex jieqaf. Huwa ha l-impatt fuq in-naha ta' quddiem tan-naha tieghu fuq il-fanal u l-persuna waqghet ma l-art. Xeghel il-hazards u nizel mill-karozza. Dak il-hin ra vettura ohra tielgha fuq il-vittma ukoll. Din il-vettura ghaddiet bejnu u bejn il-vetturi li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta. Daru dawra mal-karozza u ghollewha 'l fuq u hargu l-vittma minn tahtha. Is-sewwieq tal-Escort beda jghajjat u jistaqsi ghaliex ma kienux ghattew il-vittma u qallu li l-incident kien ghadu kif sehh. Ikkonferma li s-sewwieq tal-Ford Escort saq 'l hemm. Spjega li kif il-persuna giet quddiemu u ghafas il-brejk, il-persuna intrikbet fuq il-bonnet u min fuq il-bonnet tkaxkret ghal fuq il-windscreen tan-naha tas-sewwieq u nizel xi metru 'l boghod minn quddiemu lejn il-lemin. Il-vittma ma tarx, izerzaq minn fuq il-vettura ghal ma l-art. Jghid li d-daqqa ma kienitx kbira. Jghid li l-vettura spiccat fil-posizzjoni murija fir-ritratti ghaliex hu ma ccaqlaqx il-vettura tieghu wara l-impatt. Kull ma ghamel kien li xeghel il-hazard lights. In kontro-ezami jghid li meta laqat il-persuna huwa kien miexi f'40 km/fs u kienet niezla x-xita.

**James Micallef** xehed fl-atti tal-inkjsta ftit wara li sehh l-incident. Spjega li nhar l-24 ta' Jannar 2014 kien qed isuq vettura tal-ghamla Ford Escort Mark VI li ghandha numru ta' registrazzjoni BBS 347. Kien ftiehem li jghaddi ghal huh u imorru fil-kamra tan-nar ta' Hal Luqa. Meta qabez l-Express Trailers kienet nizla hafna xita, u kien ghadu d-dlam u baqa' tielgha 'l fuq. Vetturi quddiemu ma kienx hemmu ma jiftakarx jekk kienx hemm warajh. X'hin wasal hdejn l-incident ra zewg vetturi fin-nofs ta' triq izda l-vetturi kienu qed jghaddu minn nofshom. Dlonk qal lil huh li kien hemm habta. Qabel ma qabez il-vettura l-hamra ma ra lil hadd barra. Waqaf wara l-vettura hamra tefgha *second gear* qabez il-vettura l-hamra u ghadda minn bejn il-vetturi li kienu weqfin. F'hin mexa tul ta' vettura u qabez il-vettura l- hamra u s-sewwieq tal-van nizzel it-tieqa u qallu li kien hemm persuna ma l-art. Huwa hass xi haga ma l-art izda qatt ma kien ra nies mitluqa

ma l-art. Hass xi haga bhal speci injama izzommlu r-rota. X'hin hareg mill-vettura ra l-vittma wara r-rota ta' quddiem. Ma tax kaz jekk ir-rota telghetx fuqu. Ra nofs il-gisem taht il-vettura u sabiex jippreciza ezatt minn gembejn 'l fuq kien taht il-vettura waqt li l-parti ta' isfel kienet barra. Huwa flimkien ma xi nies ohra refghu l-karozza u persuna ohra harget il-vittma minn taht il-karozza. Ma jafx jekk bediex jidghi jew le. Wara pparkja mal-genb peress li kien hemm vetturi ohra li riedu jimxu. Talabhom ghal kutra u kien hemm xi hadd li tah *a flourscent vest* u poggih fuq il-vittma. Telaq minn fuq il-post sabiex igib lizar u marru fil-kamra tan-nar ta' Hal Luqa. Huh cempel l-ghassa u spjega x'kien gara u gew infurmati li l-paramedici kienu gja fuq il-post. Qabel l-incident jghid li kellu dawl normali u jibqa' jghid li lill-vittma ma rahiex.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti.

**Ikkunsidrat;**

Fl-**ewwel akkuza** l-akkuzati gew akkuzati talli involontarjament ikkagunaw l-mewt ta' Philip Christopher Attard Scott u dan meta kienu qed isuqu l-vetturi taghhom gewwa Triq Hal-Farrug nhar l-24 ta' Jannar 2014.

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-pozizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-Prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat illum appellant kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et,** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998:_

> *"Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju"*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

1. la volontarieta' dell'atto;
2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u
3. la possibilita di prevedere.

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid hekk:

> *"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

> "… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-**imprudenza** tekwivali ghal "un atto inconsiderato e rischioso" maghmul b' "leggerezza" jew "sconsideratezza"u kif jghid Antolisei, "*L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui*[14]"

U kif insibu fin-**Novissimo Digesto Italiano;-**

> "*Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positiva dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinato evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela.*[15]"

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, fuq citata inghad illi

> "L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli".In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-Manzini: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto".[16]

[14] Antolisei F., "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.
[15] Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548.
[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998,

Skond l-imsemmija sentenza, *"Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non-osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni."* Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn.

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, **il-Professur Anthony Mamo** jghid illi;-

> *"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.[17]"*

Din hija wkoll il-posizzjoni adottata mill-Qrati taghna, kif jirrizulta car mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Marzu 1996, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Richard Grech</u>**, fejn gie ritenut illi;

[17] Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.

> *"ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cjoe`, illi fil-kaz konkret, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita` normali; kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih, fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret".*

A bazi ta' din l-esposizzjoni legali u tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi dak li wassal ghall-incident de quo u ghall-mewt ta' Philip Attard Scott kien mhux biss in-nuqqas evidenti ta' tharis tal-ligijiet u r-regolamenti ta' traffiku da parti tal-appellant Warren Cassar li ma zammx *a proper look out* ta' dak li kien hemm fil-madwar. M'hemmx dubbju li fi triq mudlama, b'xita nizla a catinelle, l-appellant Cassar kellu izomm *a proper look out* ghal dak kollu li hemm fil-madwar. Trid tqis li Triq Hal Farrug hija triq li twassal hafna nies ghax-xoghol taghhom kemm ghal Lufthansa Teknik kif ukoll ghal Monte Cristo u Ghal Polidano Bros u ghalhekk l-appellant messu qaghad attent li ma jiltaqax ma nies fit-triq. Jirrizulta li in effetti f'din it-triq ma hemmx zebra crossings u lanqas ma hemm bankina fuq naha wahda tat-triq pero dan ma ifissirx li ma jistax ikun hemm nies mixjin specjalment fl-hinijiet bikrin ta' filghodu sejrin ghax-xoghol. Warren Cassar kellu d-dmir li joqghod attent ghal dak kollu li kien fil-madwar u mhux isuq b'velocita ta' 40km/fs. Huwa jghid meta xehed fl-inkjesta li ra lil vittma taqsam minn bejn zewg vetturi izda ma lahaqx ibbrejkja. Dan ifisser li kieku l-appellant Cassar kien miexi bi speed aktar idoneju ghac-cirkostanzi ta' dak il-jum li kien ikollu zmien jieqaf qabel u jevita incident bhala dan.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tabbracja dak li intqal fi-sentenza tal-Appell per Imhallef De Gaetano bl-ismijiet **Pulizija v. Grech Peter Paul** (255/2006) fejn il-Qorti qalet:

> *"Issa harigx bil-mod jew ghal gharrieda, xorta jibqa' l-fatt li kien jinkombi fuq Grech li jesplora sewwa li jassigura li ma jaqsamx l-ewwel karreggjata u anqas jidhol fit-tieni wahda qabel ma jkun zgur li seta' jaghmel hekk minghajr ebda perikolu ghal hadd – la dawk gejjinmid-direzzjoni tar-Rabat u lanqas dawk sejrin fid-direzzjoni tar-Rabat. Din il-Qorti hi sodisfatta li Grech ikkalkola hazin jew id-distanza bejnu u bejn Buttigieg meta rah l-ewwel darba, jew ikkakola hazin il-velocita` li kien ghaddej biha Buttigieg u, bil-fatt li, kif ighid hu stess, hareg "bil-mod" holoq emergenza ghal Buttigieg li bil-fixxla flok baqa' ghaddej dritt u forsi kien jghaddi minn wara Grech,gibed lejn il-lemin u gie quddiemu. Fl-ahjar ipotesi ghall-appellant jista' forsi jinghad li Buttigieg kien qed isuqb'mod aljenat, pero` dan ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` tal-appellant li kellu jassigura li ma jaqsamx iz-zewg karreggjati qabel ma jkun zgur li jista' jaghmel hekk bla ebda intralc ghall-utenti taz-zewg karreggjati li kellu jidhol fihom."*

Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghal dak li ntqal f' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tat-12 ta' Lulju, 2007 fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Haiden Vella**) u cioe':

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. **Pol. vs. Joseph Vella** -[10.8.1963] ) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell riminali : "**Il-Pulizija vs. J.M. Laferla** , [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's*

*immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a builtup area, of the pavements on the side of the road as well.*" (**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd**." [1968].

Issa, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tanya Sacco** l-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha u ghoxrin ta' Novembru, 1986, qalet li anke jekk persuna ghandha d-dritta xorta wahda ghandha zzomm a proper look out ghal kull incident li jista' jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat.

Minkejja li l-appellant Cassar ma kienx qed isuq bi speed li jeccedi l-limit f'dak l-akwata, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali f' **Pulizija vs Haiden Vella**[18] u cioe':-

Illi mbaghad gie ukoll ritenut li: "*speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari ghal dik illokalita' izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u millfatturi ambjentali tal-mument.*" (App. Krim. "**Pul. vs. R. Bugeja**" [30.6.1962] ).

Jidher li f'dan il-kaz l-ispeed tal-vettura misjuqa mill-appellant kien oghola minn dak li kien jippermettilu li jwaqqaf il-karozza tieghu tempestivament f'kaz ta' bzonn minghajr ma jinvesti xi pedestrian li hu facilment seta' jipprevedi li jkun jew tkun qed taqsam fuq minn wara l-vetturi molto piu meta tqis li zebra crossings ma kienx hemm u lanqas xi pellican lights biex jagevolaw lil pedestrians. Minkejja li jista jaghti l-kaz li l-pedestrian kellu xi forma ta' kontributorjeta u dan ghaliex messu stenna li t-triq tkun minghajr vetturi qabel ma jiddeciedi li jaqsam xorta dan il-fatt ma jezonerax lil Cassar mis-sewqan traskurat tieghu.

[18] Op cit

Ghalhekk filwaqt li din il-Qorti tabbracja l-konkluzjoni tal-perit tekniku Dr. Mario Buttigieg f'dan ir-rigward, qeghda tiddikjaa li ma taqbilx ma dak deciz mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward u konsegwentment qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali fil-konfront ta' Warren Cassar.

Illi fir-rigward ta' James Micallef dejjem fir-rigward ta' din l-ewwel akkuza jinghad li minkejja li l-appellant kien trakurat fis-sewqan tieghu, ma jistax jinghad li ghandu jinzamm responsabbli ghal-mewt involontarju ta' Attard Scott. Dan ghaliex mill-ezamijiet medici li nzammu ma jidhirx li kien hemm xi crush injuries u fil-fatt skond Dr. Mario Scerri u l-patologisti ma kien hemm l-ebda sinjal mediku li jorbot lil vittma mal-fatt li Micallef saq ghal fuqu ghax sinjali ta' dan ma sabux. B'hekk zgur li Scott ma mietx rizultat tal-fatt li Micallef saq ghal fuqu izda minnhabba l-head injury li sofra mal-investiment mal-windscreen u meta imbezaq fl-ajru u spicca ma l-art. Ghalhekk din l-ewwel akkuza ma tirrizultax fil-konfront ta' James Micallef u din il-Qorti qed tichad l-appell tal-Avukat Generali f'dan ir-rigward u tikkonfema s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Fit-tieni lok l-appellanti gew akkuzati ta' sewqan traskurat u negligenti u l-ewwel Qorti ma sabithomx hatja taghha.

Fis-sentenza moghtiha mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**, il-Qorti enuncjat it-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

> ***Sewqan traskurat (negligent driving)*** *hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l- ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu*

*fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont [reckless driving]*** *hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn iehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

***<u>Sewqan perikoluz [dangerous driving]</u>*** *jirrikjedi li fil-kaz partikolari, issewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara ccirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide* ***<u>Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain</u>****, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950)."*

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Clive Vella</u>** saret referenza ghal sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Frar 2003 fis-sentenza fl-ismjiet : '**<u>Il-Pulizija vs Francis William Peter George Zarb Adami</u>'**:

*'F'kazijiet ta' incidenti stradali, hemm certa presumptions of fact li johorgu mill-assjem tar-rizultanzi ta' dak l-incident, li fil-*

*gurisprudenza antika kienu jissejhu 'res ipsa loquitur u li llum ikun korrett li jissejhu circumstantial evidence u li jistghu jimmiltaw biex min irid jiggudika jasal ghal certi konkluzjonijiet dwar ir-responsabilita' o meno tal-akkuzat.'*

L-Imhallef Flores fis-sentenza moghtija nhar it-tmienja ta' Mejju, 1971 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mamo**, ukoll ta definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li:

"*Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi talmument jissuggerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l- prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn.*"

Illi ma hemmx dubbju li z-zewg appellanti kienu traskurati fis-sewqan taghhom. Warren Cassar billi ma zammx a *proper look out* tal-akwati madwaru u saq bi speed mhux idoneju ghac-cirkostanzi tant li ma lahaqx zamm brejk biex jevita l-incident, James Micallef ukoll ma zammx *proper look out* tal-madwar meta iddecieda li jghamel manuvra ta' sorpass meta ma kkunsidrax dak li kien sehh quddiemu. Fil-fatt spicca anke telgha fuq il-vittma bir-rota ta' quddiem u ma indunax li kien saq ghal fuq persuna.

Kif drabi ohra ritenut, hu wkoll principju li "il-main road user m' ghandux, unikament ghax u bhala tali, xi brevett ta' immunita` minn kwalunkwe responsabilita` f' kull infortunju stradali li fih ikun ko-involt side road user" ("**Lawrence Montebello -vs- Vincent Gatt**", Appell , 19 ta' Awissu 1966). Hekk gie stabbilit ukoll illi "min ikun sejjer jaghmel sorpass ghandu l-obbligu li ma jesegwix dik il- manuvra hlief wara li jkun accerta ruhu li l-vizwali tippermettilu

u li jista' jaghmilha minghajr perikolu ghalih u ghal road users ohra" ("**Paolo Gauci -vs- Francis Frendo et**, Appell Civili, 28 ta' Gunju 1974);

Ghalhekk din il-Qorti qed issib iz-zewg appellanti hatja ta' sewqan traskurat kuntratrjament ghal dak deciz mill-ewwel Qorti izda mhux hatja ta' sewqan perikoluz.

Fir-rigward tat-tielet akkuza ma jirrizultax li hemm xi aggravju min naha tal-Avukat Generali stante li l-ewwel Qorti sabitu hati taghha u ghalhekk din il-Qorti ma hiex ser tikkummenta ulterjorment.

Din il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi cioe l-Artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15 (1) u (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 67 ta' SL 6511, qeghda tilqa' l-appell tal-Avukat Generali in parte billi qeghda tirrevoka dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn ma sabitx lil Warren Cassar hati tal-ewwel akkuza u tat-tieni akkuza limitatament ghal sewqan traskurat u dan ghaliex din il-Qorti qed issibu hati taghhom, qeghda tikkonfermaha fir-rigward tat-tieni parti tat-tieni akkuza fejn illiberatu minn sewqan perikoluz.

Fir-rigward tal-appellant James Micallef qeghda tichad - appell tal-Avukat Generali sabiex issibu hati tal-ewwel akkuza u tikkonferma l-liberatorja tieghu f'dan ir-rigward kif espress mill-ewwel Qorti. Qeghda wkoll tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-liberatorja ta' sewqan perikoluz pero qeghda tikkonfermha fir-rigward tat-tielet akkuza li nstab hati u tirrevokha f'dik il-parti fejn iddikjarat lil James Micallef mhux hati ta' sewqan traskurat u minflok tiddikjara li qed isibu hati ta' sewqan traskurat.

Ghalhekk ai fini ta' piena din il-Qorti qeghda tikkundanna lill-appellant Warren Cassar ghal piena ta' sena priguneriја sospizi ghal sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-akkuzi li sabitu hati taghhom u tikkundanna lill-appellant James Micallef ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt euro (€300) ghall-akkuzi misjuba hati taghhom.

Qeghda ukoll tikkundanna lill-appellant Warren Cassar sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti ai fini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qeghda wkoll tiskwalifika lill-appellant Warren Cassar milli jzomm il-licenzja tieghu tas-sewqan ghall-perijodu ta' tlett xhur millum u tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' James Micallef ghall-perijodu ta' xahar millum ai terminu tal-Artikolu 15 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur